DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/559

tal-5 ta' April 2022

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/310 fir-rigward tal-awtorizzazzjoni li ngħatat lill-Polonja biex tkompli tapplika l-miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 226 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-26 ta' Lulju 2021, il-Polonja talbet awtorizzazzjoni sabiex tkompli tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 226 tad-Direttiva 2006/112/KE sabiex tapplika mekkaniżmu ta' ħlas maqsum (il-"miżura speċjali"). Il-miżura speċjali tirrikjedi l-inklużjoni ta' dikjarazzjoni speċjali li t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) trid titħallas fil-kont tal-VAT imblukkat tal-fornitur fuq il-fatturi maħruġa fir-rigward tal-provvisti ta' merkanzija u servizzi suxxettibbli għall-frodi u ġeneralment koperti minn mekkaniżmu tar-reverse charge u minn obbligazzjoni *in solidum* fil-Polonja. Il-Polonja talbet l-estensjoni tal-miżura speċjali għal perijodu ta' tliet snin, mill-1 ta' Marzu 2022 sat-28 ta' Frar 2025.

(2) F'konformità mal-Artikolu 395(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni bagħtet it-talba li għamlet il-Polonja lill-Istati Membri l-oħra permezz ta' ittra datata s-27 ta' Ottubru 2021. Permezz ta' ittra datata t-28 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Polonja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tqis it-talba.

(3) Skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/310 ([2]), il-Polonja ppreżentat rapport lill-Kummissjoni rigward l-impatt globali tal-miżura speċjali fuq il-livell ta' frodi tal-VAT u fuq il-persuni taxxabbli kkonċernati permezz ta' ittra datata d-29 ta' April 2021.

(4) Il-Polonja diġà ħadet bosta miżuri sabiex tiġġieled il-frodi. Hija introduċiet, fost oħrajn, il-mekkaniżmu tar-reverse charge u l-obbligazzjoni *in solidum* tal-fornitur u tal-klijent, il-Fajl Standard tal-Awditjar, ir-regoli aktar stretti għar-reġistrazzjoni u t-tneħħija tar-reġistrazzjoni tal-VAT tal-persuni taxxabbli, u żiedet l-għadd ta' awditi. Madankollu, il-Polonja hija tal-fehma li dawk il-miżuri mhumiex biżżejjed sabiex tiġi pprevenuta l-frodi tal-VAT.

(5) Il-Polonja introduċiet il-mekkaniżmu volontarju ta' ħlas maqsum fl-1 ta' Lulju 2018 u l-mekkaniżmu obbligatorju ta' ħlas maqsum fl-1 ta' Marzu 2019.

(6) Il-merkanzija u s-servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura speċjali huma elenkati fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/310 f'konformità mal-Klassifikazzjoni Pollakka tal-Prodotti u s-Servizzi tal-2008 (PKWiU 2008). Il-Klassifikazzjoni Pollakka tal-Merkanzija u s-Servizzi tal-2015 (PKWiU 2015) issostitwiet lil PKWiU 2008 mill-1 ta' Lulju 2020. Taħt il-PKWiU 2015, is-simboli tal-klassifikazzjoni statistika u l-ismijiet editorjali ta' ċerti merkanzija u servizzi li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/310 ġew mibdula. Għalkemm is-sostituzzjoni ta' PKWiU 2008 bi PKWiU 2015 ma kkawżat l-ebda bidla fil-kamp ta' applikazzjoni tal-merkanzija u s-servizzi koperti mill-mekkaniżmu obbligatorju ta' ħlas maqsum, jenħtieġ li l-Anness jiġi aġġornat u ssostitwit bl-Anness għal din id-Deċiżjoni għal raġunijiet ta' ċertezza legali.

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/310 tat-18 ta' Frar 2019 li tawtorizza lill-Polonja tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 226 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 51, 22.2.2019, p. 19).

(7) Il-miżura speċjali ser ikompli tapplika għall-provvisti bejn il-persuni taxxabbli għall-merkanzija u s-servizzi elenkati fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/310, kif aġġornat u sostitwit bl-Anness għal din id-Deċiżjoni, għall-provvisti minn negozju għal negozju (B2B), u ser ikopri biss it-trasferimenti bankarji elettroniċi. Il-miżura speċjali ser tkompli tapplika għall-forniturі kollha, inkluż għall-forniturі li mhumiex stabbiliti fil-Polonja.

(8) Ir-rapport ippreżentat mill-Polonja kkonferma li l-miżura speċjali għall-provvisti ta' merkanzija u servizzi suxxettibbli għall-frodi twassal għal riżultati effettivi fil-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa.

(9) Awtorizzazzjonijiet biex tiġi applikata miżura speċjali ġeneralment jingħataw għal perijodu ta' żmien limitat biex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta jekk il-miżura speċjali hijiex adatta u effettiva. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni biex tiġi applikata l-miżura speċjali tiġi estiża sat-28 ta' Frar 2025.

(10) Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-miżura speċjali, jenħtieġ li l-Polonja, jekk titlob estensjoni ulterjuri tal-awtorizzazzjoni biex tapplika l-miżura speċjali, tippreżenta rapport fir-rigward tal-funzjonament u l-effettività tal-miżura speċjali fuq il-livell ta' frodi tal-VAT u fuq il-persuni taxxabbli rigward, fost oħrajn, ir-rifużjonijiet tal-VAT, il-piż amministrattiv u l-ispejjeż għall-persuni taxxabbli.

(11) Il-miżura speċjali mhux ser ikollha effett negattiv fuq l-ammont globali tad-dħul mit-taxxa miġbur fl-istadju tal-konsum finali u ma hu ser ikollha l-ebda effett negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jinġabru mill-VAT.

(12) Sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi mfittxija mill-miżura speċjali, inkluż l-applikazzjoni mingħajr interruzzjoni tal-miżura speċjali, u li tingħata ċertezza legali fir-rigward tal-perijodu tat-taxxa, huwa xieraq li tingħata awtorizzazzjoni biex tiġi estiża l-miżura speċjali b'effett mill-1 ta' Marzu 2022. Peress li fis-26 ta' Lulju 2021 il-Polonja talbet l-awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika l-miżura speċjali u kompliet tapplika r-reġim legali stabbilit taħt il-liġi nazzjonali tagħha abbażi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/310 mill-1 ta' Marzu 2022, l-aspettattivi leġittimi tal-persuni kkonċernati huma rispettati kif xieraq.

(13) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/310 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/310 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fejn il-Polonja tqis li l-estensjoni tal-miżura msemmija fl-Artikolu 1 hija meħtieġa, hija għandha tippreżenta talba għal estensjoni lill-Kummissjoni, flimkien ma' rapport dwar l-impatt globali tagħha fuq il-livell ta' frodi tal-VAT u fuq il-persuni taxxabbli kkonċernati".

(2) fl-Artikolu 3, it-tieni paragrafu, id-data tat-"28 ta' Frar 2022" hija sostitwita bid-data tat-"28 ta' Frar 2025".

(3) l-Anness huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-5 ta' April 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
B. LE MAIRE

ANNESS

"ANNESS

LISTA TAL-PROVVISTI TA' MERKANZIJA U SERVIZZI KOPERTI MILL-ARTIKOLU 1

L-Artikolu 1 għandu japplika għall-provvisti li ġejjin ta' merkanzija u servizzi deskritti skont il-Klassifikazzjoni Pollakka tal-Merkanzija u s-Servizzi (PKWiU 2015)

Entrata	PKWiU 2015	Isem tal-merkanzija (grupp ta' merkanzija)/Isem tas-servizzi (grupp ta' servizzi)
1	05.10.10.0	Faħam
2	05.20.10.0	Linjite
3	ex 10.4	Żjut u xaħmijiet veġetali u tal-annimali - esklussivament żejt tal-kolza
4	19.10.10.0	Kokk u semikokk tal-faħam u tal-linjite jew tal-pit; karbonju tal-istorta
5	19.20.11.0	Briquettes, ovojdi u fjuwils solidi simili manifatturati mill-faħam
6	19.20.12.0	Briketti, ovojdi u fjuwils solidi simili manifatturati mill-linjite
7	ex 20.59.12.0	Emulsjonijiet għas-sensitizzazzjoni tas-superfiċe għall-użu fil-fotografija; preparazzjonijiet kimiċi għall-użu fil-fotografija, mhux ikklassifikati band'oħra (m.k. b.) - esklussivament toners mingħajr print head għal printers għal magni għall-ipproċessar awtomatizzat tad-*data*
8	ex 20.59.30.0	Linka tat-typewriter, draft ink u linka oħra - esklussivament cartridges tal-linka mingħajr print head għal printers għal magni għall-ipproċessar awtomatizzat tad-*data*
9	ex 22.21.30.0	Pjanċi, folji, film, fojl, strixxi u strixxi tal-plastik, mhux ċellulari, mhux rinfurzati, illaminati jew ikkombinati ma' materjal ieħor - esklussivament fojl li jiġġebbed
10	24.10.12.0	Ligi tal-ħadid
11	24.10.14.0	Ħadid fondut grezz u ħadid fondut grezz spekulari jew azzar spekulari
12	24.10.31.0	Prodotti llaminati ċatti tal-azzar bil-karbonju, illaminati bis-sħana, b'wisa' ta' >= 600 mm
13	24.10.32.0	Prodotti llaminati ċatti tal-azzar mhux illigat, illaminati bis-sħana, b'wisa' ta' < 600 mm
14	24.10.35.0	Prodotti llaminati ċatti ta' azzar illigat ieħor, illaminati bis-sħana, b'wisa' ta' >= 600 mm, minbarra l-prodotti tal-azzar siliċju msejħa elettriċi
15	24.10.36.0	Prodotti llaminati ċatti ta' azzar illigat ieħor, illaminati bis-sħana, b'wisa' ta' < 600 mm, minbarra l-prodotti tal-azzar siliċju msejħa elettriċi
16	24.10.41.0	Prodotti llaminati ċatti tal-azzar mhux illigat, illaminati fil-kiesaħ, b'wisa' ta' >= 600 mm
17	24.10.43.0	Prodotti llaminati ċatti ta' azzar illigat ieħor, illaminati fil-kiesaħ, b'wisa' ta' >= 600 mm, minbarra l-prodotti tal-azzar siliċju msejħa elettriċi
18	24.10.51.0	Prodotti llaminati ċatti ta' azzar mhux illigat, b'wisa' ta' >= 600 mm, indurati jew miksijin
19	24.10.52.0	Prodotti llaminati ċatti ta' azzar illigat ieħor, b'wisa' ta' >= 600 mm, indurati jew miksijin
20	24.10.61.0	Staneg u vireg, illaminati bis-sħana, f'kojls mibruma b'mod irregolari, ta' azzar mhux illigat

Entrata	PKWiU 2015	Isem tal-merkanzija (grupp ta' merkanzija)/Isem tas-servizzi (grupp ta' servizzi)
21	24.10.62.0	Staneg u vireg oħrajn tal-azzar, sempliċement mikwijin fil-forġa, illaminati jew estrużi bis-sħana, iżda inklużi dawk milwija wara l-laminazzjoni
22	24.10.65.0	Staneg u vireg, illaminati bis-sħana, f'kojls mibruma b'mod irregolari, ta' azzar illigat ieħor
23	24.10.66.0	Staneg u vireg oħrajn ta' azzar illigat ieħor, sempliċement mikwijin fil-forġa, illaminati jew estrużi bis-sħana, iżda inklużi dawk milwija wara l-laminazzjoni
24	24.10.71.0	Sezzjonijiet miftuħin, sempliċement illaminati jew estrużi bis-sħana, ta' azzar mhux illigat
25	24.10.73.0	Sezzjonijiet miftuħin, sempliċement illaminati jew estrużi bis-sħana, ta' azzar illigat ieħor
26	24.20.11.0	Pajpijiet għal linji ta' tip użat għal pipelines taż-żejt jew tal-gass, mingħajr saldatura, tal-azzar
27	24.20.12.0	Kejsing, tubi u pajp għat-tħaffir, ta' tip użat fit-tħaffir għaż-żejt jew għall-gass, mingħajr saldatura, tal-azzar
28	24.20.13.0	Tubi u pajpijiet oħrajn, ta' sezzjoni trażversali ċirkolari, tal-azzar
29	24.20.31.0	Pajpijiet għal linji ta' tip użat għal pipelines taż-żejt jew tal-gass, iwweldjati, b'dijametru estern ta' <= 406,4 mm, tal-azzar
30	24.20.33.0	Tubi u pajpijiet oħrajn, ta' sezzjoni trażversali ċirkolari, iwweldjati, b'dijametru estern ta' <= 406,4 mm, tal-azzar
31	24.20.34.0	Tubi u pajpijiet, ta' sezzjoni trażversali mhux ċirkolari, iwweldjati, b'dijametru estern ta' <= 406,4 mm, tal-azzar
32	24.20.40.0	Fittings tat-tubi u tal-pajpijiet tal-azzar, mhux fonduti
33	24.31.10.0	Staneg, angoli, sezzjonijiet u profili solidi ta' azzar mhux illigat illaminati fil-kiesaħ
34	24.31.20.0	Staneg, angoli, sezzjonijiet u profili solidi ta' azzar illigat illaminati fil-kiesaħ, minbara azzar inossidabbli
35	24.32.10.0	Prodotti tal-azzar ċatti, sempliċement illaminati fil-kiesaħ, b'wisa' ta' < 600 mm, mhux miksijin
36	24.32.20.0	Prodotti tal-azzar ċatti, sempliċement illaminati fil-kiesaħ, b'wisa' < 600 mm, indurati jew miksijin
37	24.33.11.0	Sezzjonijiet miftuħin ta' azzar mhux illigat iffurmati fil-kiesaħ jew mitwijin fil-kiesaħ
38	24.33.20.0	Pjanċi b'linji mqabbżin ta' azzar mhux illigat
39	24.34.11.0	Wajer illaminat fil-kiesaħ ta' azzar mhux illigat
40	24.41.10.0	Fidda mhux maħduma jew f'forma semimanifatturata, jew f'għamla ta' trab
41	ex 24.41.20.0	Deheb mhux maħdum jew f'forma semimanifatturata, jew f'għamla ta' trab, minbarra deheb ta' investiment skont it-tifsira tal-Artikolu 121 tal-Att dwar it-taxxa ta' merkanzija u servizzi, soġġett għall-entrata 43
42	24.41.30.0	Platinu mhux maħdum jew f'forma semimanifatturata, jew f'għamla ta' trab
43	irrispettivament mis-simbolu ta' PKWiU	Deheb bħala investiment skont it-tifsira tal-Artikolu 121 tal-Att dwar it-taxxa ta' merkanzija u servizzi
44	ex 24.41.40.0	Metalli komuni jew fidda, indurati bid-deheb, sempliċement f'forma semimanifatturata - esklussivament miksija bil-fidda, bid-deheb, sempliċement f'forma semimanifatturata

Entrata	PKWiU 2015	Isem tal-merkanzija (grupp ta' merkanzija)/Isem tas-servizzi (grupp ta' servizzi)
45	ex 24.41.50.0	Metalli komuni miksija bil-fidda u metalli komuni, fidda jew deheb, miksija bil-platinu, f'forma semimanifatturata - esklussivament miksija bil-fidda u d-deheb, f'forma semimanifatturata
46	24.42.11.0	Aluminju mhux maħdum
47	24.43.11.0	Ċomb mhux maħdum
48	24.43.12.0	Żingu mhux maħdum
49	24.43.13.0	Landa mhux maħduma
50	24.44.12.0	Ram, mhux raffinat; anodi tar-ram għar-raffinar elettrolitiku
51	24.44.13.0	Ram raffinat u ligi tar-ram, mhux maħdumin; ligi prinċipali tar-ram
52	24.44.21.0	Trabijiet u laqx tar-ram u l-ligi tiegħu
53	24.44.22.0	Staneg ċatti, vireg u sezzjonijiet u vireg tal-wajer, tar-ram u l-ligi tiegħu
54	24.44.23.0	Wajers tar-ram u l-ligi tiegħu
55	24.45.11.0	Nikil mhux maħdum
56	ex 24.45.30.0	Metalli mhux ferrużi oħrajn u prodotti magħmulin mill-istess materjal; ċermiti; irmied u residwi li fihom metalli u komposti tal-metall — esklussivament skart u ruttam ta' metall mhux prezzjuż
57	ex 25.11.23.0	Strutturi oħrajn u partijiet minn strutturi; pjanċi, vireg, angoli, forom u oġġetti simili, tal-ħadid, tal-azzar jew tal-aluminju — esklussivament tal-azzar
58	ex 25.93.13.0	Ċraret, grills, xbieki u lqugħ, magħmula minn wajer tal-ħadid, tal-azzar jew tar-ram; metall espandut, tal-ħadid, tal-azzar jew tar-ram — esklussivament tal-azzar
59	ex 26.11.30.0	Ċirkwiti integrati elettroniċi — esklussivament proċessuri
60	26.20.1	Kompjuters u magni oħrajn għall-ipproċessar awtomatizzat tad-*data* u partijiet u aċċessorji tagħhom
61	ex 26.20.21.0	Unitajiet tal-memorja — esklussivament diski riġidi (HDDs)
62	ex 26.20.22.0	Apparat għall-ħżin fi stat solidu — esklussivament SSDs
63	ex 26.30.22.0	Telefons ċellulari jew networks bla fili oħrajn - mobiles biss, inklużi smartphones
64	26.40.20.0	Riċevituri tat-televiżjoni, kemm jekk ikkombinati ma' riċevituri tax-xandir bir-radju jew apparat li jirrekordja jew jirriproduċi l-awdjo jew il-vidjo, kif ukoll jekk le
65	ex 26.40.60.0	Konsols tal-logħob vidjo (bħal dawk li jintużaw ma' sett tat-televiżjoni jew skrin awtonomu) u apparat ieħor tal-logħob jew tal-logħob tal-azzard b'displej elettroniku - minbarra parts u aċċessorji
66	26.70.13.0	Kameras diġitali u camcorders diġitali
67	27.20.2	Akkumulaturi elettriċi u parts tagħhom
68	28.11.41.0	Parts għal magni b'kombustjoni interna ta' tqabbid bl-ispark, minbarra parts għal magni ta' inġenji tal-ajru
69	ex 28.23.22.0	Parts u aċċessorji għal magni tal-uffiċċju - esklussivament cartridges tal-linka u print heads għal printers għal magni għall-ipproċessar awtomatizzat tad-*data*, toners bi print head għall-printers għal magni għall-ipproċessar awtomatizzat tad-*data*

Entrata	PKWiU 2015	Isem tal-merkanzija (grupp ta' merkanzija)/Isem tas-servizzi (grupp ta' servizzi)
70	ex 29.31.10.0	Ċineg tal-kejbils tal-ignixin u settijiet ta' wajers oħrajn ta' tip użat f'vetturi, inġenji tal-ajru jew inġenji tal-baħar – esklussivament ċineg tal-kejbils tal-ignixin u settijiet ta' wajers oħrajn ta' tip użat fil-vetturi
71	29.31.21.0	Sparking plugs; manjeti tal-ignixin; manjeto dinamos; flajwils manjetiċi; distributuri; kojls tal-ignixin
72	29.31.22.0	Muturi tal-istartjar u ġeneraturi tal-istartjar bi skop doppju; ġeneraturi oħrajn u tagħmir ieħor għall-magni bil-kombustjoni
73	29.31.23.0	Tagħmir għal sinjali elettriċi, windscreen, defrosters u demisters għall-vetturi bil-mutur
74	29.31.30.0	Parts ta' tagħmir elettriku ieħor għall-vetturi bil-mutur
75	29.32.20.0	Ċinturini tas-sikurezza, airbags u parts u aċċessorji tal-bodis
76	29.32.30.0	Parts u aċċessorji għall-vetturi bil-mutur, m.k.b., minbarra muturi
77	30.91.20.0	Parts u aċċessorji ta' muturi u sidecars
78	ex 32.12.13.0	Ġojjellerija u ġojjellerija oħra u partijiet tagħha, magħmula minn metall prezzjuż jew miksija b' metall prezzjuż - esklussivament partijiet ta' ġojjellerija u partijiet ta' ġojjellerija oħra tad-deheb, tal-fidda u tal-platinu, jiġifieri ġojjellerija mhux lesta jew inkompleta u partijiet distinti ta' ġojjellerija inklużi dawk mgħottija jew miksija b'metall prezzjuż
79	38.11.49.0	Vetturi, kompjuters, televixins u apparat użat ieħor maħsub għall-iskrappjar
80	38.11.51.0	Skart tal-ħġieġ
81	38.11.52.0	Skart tal-karti u l-kartun
82	38.11.54.0	Skart tal-gomma ieħor
83	38.11.55.0	Skart tal-plastik
84	38.11.58.0	Skart li fih il-metall minbarra skart perikoluż
85	38.12.26.0	Skart tal-metall perikoluż
86	38.12.27	Skart u ċelloli u akkumulaturi tal-elettriku difettużi; ċelloli u batteriji galvaniċi u akkumulaturi tal-elettriku użati
87	38.32.2	Materja prima sekondarja tal-metall
88	38.32.31.0	Materja prima sekondarja tal-ħġieġ
89	38.32.32.0	Materja prima sekondarja tal-karti u l-kartun
90	38.32.33.0	Materja prima sekondarja tal-plastik
91	38.32.34.0	Materja prima sekondarja tal-gomma
92		Petrol għall-magni, żejt diżil, gass tal-fjuwil — skont it-tifsira tad-dispożizzjonijiet dwar id-dazju tas-sisa
93		Żejt għat-tiswin u żejt lubrifikanti — skont it-tifsira tad-dispożizzjonijiet dwar id-dazju tas-sisa
94	ex 58.29.11.0	Pakketti ta' softwer tas-sistema operattiva — esklussivament SSD
95	ex 58.29.29.0	Pakketti ta' softwer oħrajn - esklussivament SSDs
96	ex 59.11.23.0	Vidjos u reġistrazzjonijiet bil-vidjo fuq diski, tejps manjetiċi u mezzi simili — esklussivament SSDs

Entrata	PKWiU 2015	Isem tal-merkanzija (grupp ta' merkanzija)/Isem tas-servizzi (grupp ta' servizzi)
97	irrispettivament mis-simbolu ta' PKWiU	Servizzi ta' trasferiment ta' kwota tal-emissjonijiet ta' GHG imsemmija fl-Att tat-12 ta' Ġunju 2015 dwar Skema ta' Skambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ta' Gass Serra (Ġurnal Uffiċjali tal-2021, entrata 332)
98	41.00.3	Xogħol ta' kostruzzjoni fuq bini residenzjali (xogħlijiet fuq il-kostruzzjoni ta' bini ġdid, rikostruzzjoni jew rinnovazzjoni ta' bini eżistenti)
99	41.00.4	Xogħol ta' kostruzzjoni fuq bini mhux residenzjali (xogħlijiet fuq il-kostruzzjoni ta' bini ġdid, rikostruzzjoni jew rinnovazzjoni ta' bini eżistenti)
100	42.11.20.0	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni ġenerali li jinvolvu l-kostruzzjoni ta' awtostradi, toroq u toroq oħrajn għal vetturi u persuni bil-mixi u l-kostruzzjoni ta' runways
101	42.12.20.0	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni ġenerali li jinvolvu l-kostruzzjoni ta' linji ferrovjarji u metrò
102	42.13.20.0	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni ġenerali li jinvolvu l-kostruzzjoni ta' pontijiet u mini
103	42.21.21.0	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni ġenerali li jinvolvu l-kostruzzjoni ta' pipelines tat-trażmissjoni
104	42.21.22.0	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni ġenerali li jinvolvu l-kostruzzjoni ta' netwerks ta' distribuzzjoni, inklużi xogħlijiet awżiljarji
105	42.21.23.0	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni ġenerali li jinvolvu l-kostruzzjoni ta' sistemi ta' irrigazzjoni (kanali tad-drenaġġ), linji tat-trażmissjoni tal-ilma, faċilitajiet għat-trattament tal-ilma u t-trattament tad-drenaġġ u stazzjonijiet tal-ippumpjar
106	42.21.24.0	Xogħlijiet li jinvolvu t-tħaffir ta' bjar u bokok tal-ilma u l-installazzjoni ta' tankijiet settiċi
107	42.22.21.0	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni ġenerali li jinvolvu l-kostruzzjoni ta' linji tat-telekomunikazzjoni u tat-trażmissjoni tal-enerġija
108	42.22.22.0	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni ġenerali li jinvolvu l-kostruzzjoni ta' linji tat-telekomunikazzjoni u tad-distribuzzjoni tal-enerġija
109	42.22.23.0	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni ġenerali li jinvolvu l-kostruzzjoni ta' impjanti tal-enerġija
110	42.91.20.0	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni ġenerali li jinvolvu l-kostruzzjoni ta' mollijiet, portijiet, digi, magħluq u faċilitajiet idrotekniċi relatati
111	42.99.21.0	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni ġenerali li jinvolvu l-kostruzzjoni ta' faċilitajiet tal-produzzjoni u tat-tħaffir fil-minjieri
112	42.99.22.0	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni ġenerali li jinvolvu l-kostruzzjoni ta' stadji u grawnds sportivi
113	42.99.29.0	Xogħlijiet ta' kostruzzjoni ġenerali li jinvolvu l-kostruzzjoni ta' strutturi oħrajn tal-inġinerija ċivili, m.k.b.
114	43.11.10.0	Xogħlijiet li jinvolvu t-twaqqigħ tal-bini
115	43.12.11.0	Xogħlijiet li jinvolvu l-preparazzjoni tas-sit għall-kostruzzjoni, minbarra xogħlijiet ta' ċaqliq ta' terrapien jew ħamrija
116	43.12.12.0	Xogħlijiet ta' ċaqliq ta' terrapien jew ħamrija: xogħol ta' tħaffir, tħaffir ta' foss u ċaqliq ta' terrapien jew ħamrija
117	43.13.10.0	Xogħlijiet li jinvolvu xogħol ta' skavar u tħaffir b'inġinerija ġeoloġika
118	43.21.10.1	Xogħlijiet li jinvolvu l-eżekuzzjoni ta' installazzjonijiet tas-sikurezza elettrika
119	43.21.10.2	Xogħlijiet li jinvolvu l-implimentazzjoni ta' installazzjonijiet elettriċi oħrajn
120	43.22.11.0	Xogħlijiet li jinvolvu l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet tas-sistemi tal-pajpijiet tal-ilma u tad-drenaġġ
121	43.22.12.0	Xogħlijiet li jinvolvu l-eżekuzzjoni ta' sistemi tat-tisħin, tal-ventilazzjoni u tal-arja kundizzjonata

Entrata	PKWiU 2015	Isem tal-merkanzija (grupp ta' merkanzija)/Isem tas-servizzi (grupp ta' servizzi)
122	43.22.20.0	Xogħlijiet li jinvolvu l-eżekuzzjoni ta' installazzjonijiet tal-gass
123	43.29.11.0	Xogħol ta' iżolazzjoni
124	43.29.12.0	Installazzjoni ta' lqugħ
125	43.29.19.0	Xogħlijiet oħrajn ta' installazzjoni m.k.b.
126	43.31.10.0	Xogħlijiet ta' tikħil
127	43.32.10.0	Xogħol ta' installazzjoni tal-mastrudaxxa
128	43.33.10.0	Xogħlijiet li jinvolvu t-tqegħid tal-madum u l-wiċċ tal-ħitan
129	43.33.21.0	Xogħlijiet li jinvolvu t-tqegħid ta' terrazzo, irħam, granit jew lavanja fuq l-art u l-ħitan
130	43.33.29.0	Xogħlijiet oħrajn li jinvolvu t-tqegħid tal-madum u tal-ħitan (inkluż twaħħil ta' wallpaper), m.k.b.
131	43.34.10.0	Xogħlijiet ta' żebgħa
132	43.34.20.0	Xogħlijiet ta' produzzjoni tal-ħġieġ
133	43.39.11.0	Xogħlijiet li jinvolvu d-dekorazzjoni
134	43.39.19.0	Xogħlijiet li jinvolvu l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet oħrajn ta' finitura, m.k.b.
135	43.91.11.0	Xogħlijiet li jinvolvu l-kostruzzjoni ta' strutturi tas-soqfa
136	43.91.19.0	Xogħlijiet li jinvolvu xogħol ieħor ta' tisqif
137	43.99.10.0	Xogħlijiet li jinvolvu l-installazzjoni ta' iżolazzjoni għall-prevenzjoni tal-umdità u d-dħul tal-ilma
138	43.99.20.0	Xogħlijiet li jinvolvu l-assemblaġġ u ż-żarmar ta' scaffolding
139	43.99.30.0	Xogħlijiet li jinvolvu l-kostruzzjoni ta' pedamenti, inkluż it-tqegħid ta' pontuni
140	43.99.40.0	Xogħlijiet tal-konkrit
141	43.99.50.0	Xogħlijiet li jinvolvu t-twaqqif ta' strutturi tal-azzar
142	43.99.60.0	Xogħlijiet li jinvolvu t-twaqqif ta' strutturi tal-briks u tal-ġebel
143	43.99.70.0	Xogħlijiet li jinvolvu l-assemblaġġ u t-twaqqif ta' strutturi prefabbrikati
144	43.99.90.0	Xogħlijiet li jinvolvu l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet speċjalizzati oħrajn, m.k.b.
145	45.31.1	Servizzi kummerċjali ta' parts u aċċessorji ta' vetturi bil-mutur, minbarra muturi
146	45.32.1	Servizzi kummerċjali bl-imnut ta' ħwienet speċjalizzati ta' parts u aċċessorji ta' vetturi bil-mutur, minbarra muturi
147	45.32.2	Servizzi kummerċjali bl-imnut oħrajn ta' parts u aċċessorji ta' vetturi bil-mutur, minbarra muturi
148	ex 45.40.10.0	Servizzi kummerċjali bl-ingrossa ta' muturi u parts u aċċessorji relatati — esklussivament bejgħ ta' parts u aċċessorji għall-muturi
149	ex 45.40.20.0	Servizzi kummerċjali bl-imnut ta' ħwienet speċjalizzati ta' muturi u parts u aċċessorji relatati — esklussivament bejgħ ta' parts u aċċessorji għall-muturi
150	ex 45.40.30.0	Servizzi kummerċjali bl-imnut oħrajn ta' muturi u parts u aċċessorji relatati — esklussivament bejgħ bl-imnut ta' parts u aċċessorji għall-muturi"